C/2026/2135

13.4.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12280 – PENINSULA / ITOCHU / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/2135)

1. Fl-01 ta' April 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ITOCHU Corporation ("ITOCHU", il-Ġappun),

— Peninsula Petroleum Limited ("Peninsula", l-Irlanda).

ITOCHU u Peninsula se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta ("JV", l-Irlanda).

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— ITOCHU hija kumpanija kummerċjali attiva fil-kummerċ domestiku u internazzjonali, f'firxa wiesgħa ta' industriji, inklużi t-tessuti, il-makkinarju, il-metalli, il-minerali, l-enerġija, is-sustanzi kimiċi, l-ikel, il-prodotti ġenerali, il-proprjetà immobbli, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u l-finanzi, kif ukoll l-investiment kummerċjali fil-Ġappun u barra mill-pajjiż,

— Peninsula hija fornitur globali ta' servizzi u soluzzjonijiet tal-enerġija tal-baħar. L-attivitajiet ta' Peninsula jinkludu l-forniment fiżiku ta' fjuwil tal-bastimenti kif ukoll il-kummerċ.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża konġunta huma li ġejjin: il-prestazzjoni ta' servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea, f'Ġibiltà u fil-Marokk marbuta mal-operazzjonijiet ta' bunkering tal-ammonijaka. Barra minn hekk, se tinnegozja, tforni, takkwista, timmaniġġja l-loġistika, u tbigħ u tixtri l-ammonijaka bħala fjuwil tal-baħar.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12280 — PENINSULA / ITOCHU / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË